MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Numru 437/2014

**Il-Pulizija**

**(Spt. Josric Mifsud)**

**vs**

**Carlo Bartolo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miguba kontra ***Carlo Bartolo***, 43 sena, bin Francis u Carmen xebba' Vella, imwieled Pieta`, nhar il-24 ta' Lulju, 1970, residenti fil-fond numru 198, Triq is-Salib, Mellieha detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 314870M.

Akkuzat talli nhar id-29 ta April, 2014, gewwa Triq Margaret Murray, Naxxar, ghall-habta tal-erbgha u kwart (16:15hrs) ta' wara nofsinhar,

a) bil-hsieb li jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ***Alessia Scerri*** wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi kisser il-hgiega tal-bieba tal-vettura tal-ghamla ***Fiat*** tip ***Doblo Cargo*** bin-numru tar-registrazzjoni ***JBH314***, liema delitt ma giex ezegwiet minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu.

b) ikkommetta offizi ta natura hafifa fuq il-persuna ta' ***Alessia Scerri***

c) volontariament ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mitejn tnejn u tlettin Ewro, u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn u cioe` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u dan ghad detriment ta ***Joseph Scerri***

d) għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, jew jekk kien ipprovokat, jinġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni

e) kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied

f) b’xi mod ieħor mhux imsemmi band’oħra fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku

g) talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta

F’kaz ta htija il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta’ Malta, ghal zmien li thoss xeraq,

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra ***Carlo Bartolo***, a beneficju ta ***Alessia Scerri*** u ***Sarah Scerri*** u ***familja*** taghhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta,

Il-Qorti hija mitluba f’kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta’ ***Alessia Scerri*** u ***Sarah Scerri*** u ***familja*** taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli ghar-reat, torbot lill-***Carlo Bartolo*** b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta’ Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 18, 42, 216, 221, 325(b), 339(1)(e), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat u ghalhekk ser tghaddi biex titrattah bhala *first offender*.

Ghalhekk tikkonkludi billi tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446. Inoltre, timponi fuq l-imputat ordni ta' protezzjoni favur Alessia Scerri, Sarah Scerri u l-familja taghhom fit-termini tal-artikolu 412C;

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, tordna li l-atti jintbghatu lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------